

# Tinqix fuq il-Hitan tal-Knisja il-Qadima ta' Santa Katarina

*Kitba tal-Perit Ruben Abela*

Sfortunatament spiss nisimgħu b'atti vandali fuq il-wirt storiku tagħna. Atti kodardi li juru in-nuqqas ta' maturita' ta' xi whud fostna. Ftit ta' snin ilu smajna b'dak li seħħ fuq it-tempji storiċi ta' l-Imnajdra u l-atti li saru fuq diversi kappelli fl-inħawi tal-Qrendi, l-Imqabba u iż-Żurrieq. Minix bi ħsiebi nikteb dwar dan u l-anqas ma jien ser nagħmel referenza għal xi atti vandali li kultant isehhu fiż-Żejtun, li għall-grazzja t'Alla m'humiex spissi.

Permezz tal-kitba tiegħi ser inħarsu lejn tinqix li insibu fuq il-ħitan tal-knisja il-qadima ta' Santa Katarina, jew dik li bosta jsibuha bħala il-knisja ta' San Girgor. Dan it-tinqix, li illum ngħidulu "graffiti" ivarja minn uħud li jwassluna sa nofs is-seklu tmintax għal oħrajn aktar moderni. Bosta jħarsu lejn dan il-graffiti bħala parti mill-wirt storiku tagħna.

Nifhem il-mistoqsijiet li wħud qed isaqsu f'qalbhom huma u jaqraw.... Dan biex ġej? Dan mhux vandalizmu?

Hemm linja delikata ħafna li tifred l-element vandalu tal-graffiti minn dak storiku. Tistaqsuni "Jekk nonqox xi ħaġa illum, mitt sena oħra mhux ser issir xi ħaġa storika?" Jista' jkun. Dan jiddependi ħafna mir-raġuni għaliex inqaxt dak li inqaxt u mill-messagg li ridt twassal. Biex ingib eżempju. M'hemm ebda valur fi graffiti bhal "Vote No.1 ......" jew "Joe loves Mary" jew "John was here", għalkemm dan jista' jfisser ħafna għal min qed jiktbu. Mhux qed nikteb dan biex inħeġġiġkom tmorru tonqxu xi ħaġa fuq xi ħajt, ħalli ftit għexieren ta' snin oħra jkun hawn xi ħadd iehor bħali u jkollu suġġett dwar xhiex jikteb fil-ktejjeb tal-festa! Nispera li b'dak li ser taqraw u taraw mill-ftit ritratti li hawn tifhmuni aħjar.

Ħafna drabi wieħed jonqox fuq ħajt għaliex iħoss li huwa importanti li jħalli marka tal-preżenza tiegħu f'post partikulari u fi żmien partikulari. Min forsi siefer xi safra żgur li mar f'xi postijiet frekwentati sew mit-turisti u jilmaħ irkejjen sħaħ minn dak il-post b'tinqix fuq il-ħitan.

Il-graffiti li nsibu fuq il-ħitan tal-knisja il-qadima nistgħu nikklassifikawhom f' erba' kategoriji: dawk li saru minn pellegrini li żaru il-knisja possibilment wara xi wegħda; dawk li juru biss *annu*; dawk li tnaqqxu biex ifakkru il-mewt ta' xi ħadd; u dawk aktarx l-aktar moderni li saru biex isarrfu l-emozzjoni personali ta' min naqaxhom. Ħarsitna ser teħodna fuq l-ewwel tlett kategoriji.

Huwa fatt storikament magħruf li id-devozzjoni lejn Santa Katarina u b'mod partikolari lejn il-Knisja il-Qadima ta' Santa Katarina taż-Żejtun, fil-passat kienet kbira ħafna, tant li din il-knisja matul is-sena kienu jżuruha bosta pellegrini. Uħud minn dawn iż-żjajjar kienu jsiru wara li dak li jkun kien għamel xi wegħeda mall-qaddisa, possibilment wara li gie salvat minn xi disgrazzja. Hekk nistgħu norbtu [illegible]mmont kbir ta' tinqix ta' opri tal-baħar li insibu mall-ħitan ta' din il-knisja.

Ma ninsewx li fil-passat dan nistghu ngħidu li kien l-ewwel maqdes li wieħed kien jiltaqa' miegħu hekk kif iħalli il-portijiet ta' Marsaxlokk u Wied il-Għajn. Ma nistgħux ngħidu li dawn ix-xbiħat fihom xi arti iżda mid-dettal li fihom wieħed faċilment jista' jorbot dik ix-xbiha ma' żmien partikolari jekk dak li naqaxha ma' kitibx l-*annu*. Jien m'inhix xi espert dwar l-opri antiki tal-baħar iżda jidher li bosta minn dawn huma dgħajjes tas-sajd. Forsi il-quddiem għad ikollna lil xi ħadd mill-qasam marittimu li jistudja aktar fil-fond dawn ix-xbiħat. Hekk per eżempju fuq il-ħajt tas-sagristija sibt żewġ xbiħat li jidhru li huma opri zgħar waħda tidher li hija dgħajsa tal-latini (Ritratt 1) u l-oħra dgħajsa zgħira bi qlugħ wieħed (Ritratt 2).



Ritratt 1



Ritratt 2

Żewġt xbiħat oħra li sibt huma dawk li hemm fuq il-ħajt fuq ix-xellug tal-bieb tan-nava tan-naħa tal-punent. Dawn juru żewġ opri tal-baħar akbar mit-tnejn li semmejt qabel għaliex ghandhom aktar minn qlugħ wieħed (Ritratt 3). Fuq wieħed minnhom hemm ukoll l-*annu* "1838" minqux (Ritratt 4), għalkemm dan minħabba il-puzizzjoni tiegħu wieħed m'għandux jikkonkludi li għandu xi rabta mad-data meta tnaqxet ix-xbiha tal-bastiment. Hemm aktar xbiħat ta' opri tal-baħar mall-ħajt biswit il-bieb tan-nava tan-naħa tal-lvant.



Ritratt 3



Ritratt 4

Xbiha oħra interessanti li sibt hija dik ta' żiemel b'sewwieq fuqu (Ritratt 5) fit-tieni filata mill-art fir-rokna ħdejn id-denfil tan-nofs fuq in-naħa tal-punent. Ftit il-fuq minn din ix-xbiha hemm ukoll l-*annu* "1873" li m'ghandu xejn x'jaqsam ma' l-istess xbiha. Izda l-aktar kurjuza hija xbiha ta' salib minquxa f'ħofra għamla ta' rettanglu. (Ritratt 6) Fl-erba' irkejjen tas-salib hemm erba' toqob imħaffrin fil-fond. Is-salib qiegħed iserraħ fuq trijanġlu u mall-ġnub hemm żewġ ħofriet oħra wkoll minquxin fil-fond. Biswit din ix-xbiha jidher li hemm in numru "86". Din ix-xbiha tinsab fil-baxx ħafna fuq in-naħa tax-xellug tal-bieb tan-nava tal-punent.



Ritratt 5



Ritratt 6

Barra ix-xbiħat li semmejna iltqajt ma' ammont sostanzjali ta' *anni* minquxin f'diversi partijiet tal-ħitan. Minix ser nirreferi ghal dawk li jidher li ghandhom rabta diretta ma' tifkira tal-mejtin, iżda għal dawk li għalija huma strambi għaliex juru biss in-numru ta' sena u l-iskop għaliex tnaqqxu mhux ċar. Inhoss li dawn għandhom relevanza minħabba li huma sinjal ċar tal-qedem li għandu dan it-tempju u wkoll għaliex iservu b'xi mod bħala prova għal interventi strutturali li saru matul iż-żminijiet. L-aktar *annu* antik li irnexxili nara huwa dak ta' l-"1723" (Ritratt 7) li qiegħed fuq il-ħajt tal-ġenb faċċata taċ-ċimiterju ta' Santu Rokku ftit il-boghod mill-kantuniera mall-faċċata. *Annu* iehor huwa dak ta' l-"1830" (Ritratt 8) li jinsab miktub f'nofs messaġġ bit-Taljan li jaqra:

"FRATELLI **1830** MIEI SE VOLETE SALVARE SICURAMENTE L' ANIMA VOSTRA"

Barra is-sinifikat ta' dan il-messaġġ u l-kitba pulita li bih minqux, ta' mportanza akbar hija d-data, għaliex jidher li dan sar ftit snin wara li nbnew id-dniefel, għaliex dawn saru fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax, qrib ħafna ta' l-1830, minn Giuseppe Hyzler.




Ritratt 7




Ritratt 8

Dan li qrajtu huwa biss ftit togħma minn dak li tistgħu taraw ma' dawn il-ħitan. Żgur li jekk tippruvaw tagħtu titwila intom ser tiltaqgħu ma' bosta oħra, forsi ta' importanza bhal jekk mhux aktar minn dawn li ġbidtilkom l-attenzjoni dwarhom. Ser tiltaqaw ma' graffiti oħrajn li jħallulkom xi ftit togħma morra u hekk tintebħu bir-relevanza ta' wħud u l-istmerrija t'oħrajn.

Dawn il-graffiti gew studjati wkoll bħala parti mill-proċess ta' restawr li ser isir fuq din il-ġawrha arkitettonika mill-Unit tar-Restawr tal-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura taħt is-supervizjoni tal-Perit Norbert Gatt. Żgur li dan il-proċess ta' restawr ser ikun qiegħed jipproteġi dawk il-graffiti ta' relevanza u waqt l-istess proċess jiġu skoperti graffiti oħrajn.